# LECTIO DIVINA

# IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN (B)

## Mk 9,2-10

Kuntest

"Sitt ijiem wara..." (v. 2) – Sitt ijiem qabel "Qabeż Pietru u qallu: 'Inti l-Messija...' U beda jgħallimhom fuq li kien meħtieġ li Bin il-Bniedem ibati ħafna, ikun miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u wara tlitt ijiem jerġa' jqum. Pietru ġibdu lejh u beda jlumu. Iżda hu... ċanfar lil Pietru u qallu: 'Itlaq minn quddiemi, ja xitan, għax m'intix taħseb fil-ħwejjeġ ta' Alla, imma f'dawk tal-bnedmin!" (8,31-33).

Is-sitt ijiem tal-ġimgħa jiġu kompluti meta jwelldu s-seba' jum. Is-sitt ijiem huma mixja lejn l-avveniment importanti tas-seba' jum. Il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni hija tkomplija ta' dak li kien ġara sitt ijiem qabel. Pietru għadu kif stqarr (frott ħidma mentali) li Ġesù hu l-*Messija*, imma ma jaċċettax lil Ġesù kif inhu, f'ħajtu (tonqos il-koerenza bejn il-moħħ u l-qalb; ara Mt 15,8-9). Għal Pietru, "Inti l-Messija" jfisser l-Iben ta' Alla qawwi u setgħan, għalhekk ma jistax ibati, jiġi umiljat u jiġi maqtul: "Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!" (Mt 17,22). Fi kliem ieħor qed jgħidlu: "Allaħares, Mulej! Ma naċċetta qatt li jien ikolli mgħallem ta' dan it-tip".

**"tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja u tbiddel quddiemhom" (v. 2)**

"tellagħhom (ἀναφέρει, tr. anafrei i.e. refagħhom 'l fuq) waħedhom". Joħroġ ħafna l-emfasi tas-solitudni (irtir, eremitaġġ) li wieħed jinqata' minn dak li jtellfu u li ma jħallīħx jara u jisma' dak li għandu jingħad (vv. 3-4.7. Ara wkoll Mk 4,34). Il-muntanja hi tip ta' deżert (ἔρημον, tr. eremon, ara Mk 1,12) ieħor fejn il-bniedem jinqata' u joqrob 'il fuq lejn Alla, u li sakemm għadu f'din id-dinja, jista' biss *iduq* ftit mill-glorja tiegħu.

'Il fuq, fuq il-muntanja seħħew ħafna ġrajjiet importanti: Il-beatitudnijiet (Mt 5,1-12), Ġesù jitlob fuq il-muntanja qabel ma jagħżel lit-tnax (Lq 6,12-16). Anke fl-A.T. il-poplu ta' Iżrael għaraf lil Alla, daħal f'patt miegħu, irċieva l-liġi fuq il-muntanja Sinaj (Eż 19-32). Aktarx ukoll

li kien fuq din l-istess muntanja li Elija għaraf lil Alla fis-silenzju ta' żiffa ħelwa (1 Slat 19,11-14).

"u tbiddel quddiemhom" (μετεμορφώθη, tr. metemorfote, i.e. bidla ta' malajr; bidla kwalitattiva; bidla fl-istruttura u fl-apparenza). Mentri Mattew u Luqa jinnutaw li l-bidla ssir kemm fil-ħwejjeġ kif ukoll fil-wiċċ, Marku jsemmi biss il-ħwejjeġ: "ilbiesu sar abjad u jgħammex: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk" (v. 3. Ara wkoll Dan 7,9; Eżek 1; Apok 3,4-5). Huwa riferiment ċar għall-glorja tal-qawmien qabel ġranet tad-dlam u tal-qtiegħ il-qalb quddiem il-misteru tat-tbatija u mewt li minnhom ebda bniedem m'hu meħlus; u li "Alla lanqas lill-ibnu stess ma ħelisha..." (Rum 8,32).
Ġesù trasfigurat jixbaħ ukoll lill-anġlu tal-qawmien: "Id-dehra tiegħu kienet bħal berqa; ilbiesu abjad bħas-silġ" (Mt 28,3). Id-dawl tat-trasfigurazzjoni huwa l-maqlub tad-dlam li jiksi l-art fil-mewt ta' Ġesù.

**"U dehrulhom Mosè u Elija" (v. 4a)**
F'Mosè naraw il-Liġi (Torah), mentri f'Elija l-profeti. Hu permezz ta' dawn li Alla akkumpanja lill-poplu tiegħu tul il-mixja tal-istorja kollha tiegħu, sakemm issa jintlaħaq il-qofol; it-twettiq u l-milja tagħhom bl-inkarazzjoni ta' Kristu u bil-mewt u l-qawmien tiegħu (ara wkoll Lq 24,27.44-45). Il-liġi u l-profeti jwasslu għaċ-ċentralità ta' Ġesù ("Min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Ġesù", San Ġirolmu)

**"Mgħallem kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined..." (v. 5)**
Hija reazzjoni ta' qima mħallta ma' ħafna biża'. Imbgħad issegwi reazzjoni ta' entużjażmu u xewqa għall-permanenza:
"Ħa ntellgħu tliet tined" (τρεῖς σκηνάς, tr. treis skenás).
It-tinda fost l-oħrajn tirrappreżenta l-post tal-mistrieħ; waqfa wara li wieħed, wara xi vjaġġ twil u iebes ikun irnexxielu jasal fejn kellu f'moħħu li jasal.
It-terminu griek (skenás) jirreferi wkoll għall-istess terminu wżat fl-A.T. li jfisser il-post fejn joqgħod Alla f'nofs il-poplu tiegħu – *xekinâ* – speċjalment waqt il-mixja tiegħu lejn l-Art Mwiegħda.
Pietru jaħseb li b'xi mod Kristu għadda għall-glorja mingħajr ma sofra l-passjoni; kif xtaq Pietru stess sitt ijiem qabel (8,31-32)

**“Imbgħad ġiet sħaba u għattiethom u minn ġos-sħaba instama’ leħen...” (v. 7a)**

Hija x-xbiha tipika tal-preżenza ta’ Alla qalb il-poplu tiegħu fit-T.Q.: “Mosè tela’ fuq il-muntanja u s-sħaba ksiet il-muntanja. Il-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja Sinaj, u s-sħaba ksietha għal sitt ijiem; u fis-seba’ jum il-Mulej sejjaħ lil Mosè minn ġo nofs is-sħaba. Id-dehra tal-glorja tal-Mulej f’għajnejn ulied Iżrael kienet tixbaħ lil ħuġġieġa nar iħeġġeġ fuq il-quċċata tal-muntanja. U Mosè daħal fis-sħaba u tala’ fuq il-muntanja u baqa’ fuq il-muntanja erbgħin jum u erbgħin lejl.” (Eż 24,15-18).

Tidħol fi sħaba jfisser li tidħol f’relazzjoni intima ma’ Alla; Alla jgeżwrek fih bil-preżenza tiegħu. Hija wkoll marbuta mal-fatt li Alla juri lilu nnifsu (ara Eż 40,34s; 1 Slat 8,10-13, 2 Makk 2,7-8; Mk 13,26; 14,62; Apok 1,7).

**“Dan hu ibni l-għażiż: isimgħu lilu” (v. 7)**

Tidher ċara r-rabta bejn il-Magħmudija f’1,9-11 u t-Trasfigurazzjoni. Mentri f’Mk 1 il-leħen hu indirizzat lejn l-Iben, fit-Trasfigurazzjoni, għalkemm jittrasmetti l-istess kontenut, l-indirizz huwa għal dawk preżenti; it-tliet appostli. Hu Alla nnifsu li jistieden lil dawk preżenti (l-appostli) biex jisimgħu lil Ġesù u mbgħad joħorġu jxandruh. Li “tisma’” (ἀκοὑετε, tr. akouete) jfisser tilqa’, temmen u tobdi. Mhix biss l-aċċettazzjoni bil-moħħ (għarfien intellettwali; ara Mk 8,31-33), imma li l-kontenut jinżel fil-qalb u l-azzjonijiet ikunu koerenti ma’ dawn it-tnejn.

Il-leħen hu konferma mis-sema ta’ dak li Pietru kien għadu kif stqarr b’fommu f’8,29.

**“Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, tahom ordni biex ma jitkellmu ma’ ħadd fuq li kienu raw qabel ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet. Huma żammew kollox moħbi, iżda bdew jistaqsu lil xulxin x’kien ifisser ‘tqum mill-imwiet’.” (vv. 9-10)**

Jerġa mill-ġdid joħroġ “is-sigriet messjaniku”, liema sigriet jitħabbar fil-miftuħ permezz tal-qawmien. Infatti mal-jum tal-qawmien, meta d-dixxipli jifmhu “x’kien ifisser ‘tqum mill-imwiet’”, jiġu mibgħuta joħorġu jxandru din l-verità (ara 16,7); huma stess ikunu xiehda tagħha mhux billi jirrakkontaw il-fatt li l-Mulej dehrilhom imma wkoll li jxandru sa truf l-art dak kollu li wettaq u għallem Ġesù: l-Aħbar it-Tajba (ara Mk 16,15), akkost li huma jgħaddu mill-istess konsegwenzi li għadda hu.

Meditatio

- *Kemm qed inħalli lil Alla jerfagħni 'l fuq, fuq il-muntanja? Fejn hi din il-muntanja? Liema huma l-ħinijiet li fihom (fil-programm tas-seminarju u fil-weekend) Alla qed jistedinni biex jerfagħni 'l fuq?*
- *Inkun konkret u:*
  - *nagħraf x'inhuma dawk is-slaleb li jien qed nipprova naħrab*
  - *nara kif ser nagħmel biex matul din il-ġimgħa, nerfa' dan is-salib, li jrid iwassalni għall-glorja.*